MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Numru 316/1997

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Farrugia Mamo u Spettur Neville Xuereb**

**vs**

**Paul Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Borg ta' 40 sena bin Joseph u Rosina nee' Camilleri imwieled B'Kara residenti 'St. Mary' Triq V Menville l-Ibragg, Swieqi, detentur ta' karta ta' identita numru 298357(M), akkuzat talli:

a. minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi, bhala persuna li ma hiex negozzjant awtorizzat, f'Malta u barra minn Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin u cioe dollari Amerikani,

minghand, jew biegh jew issellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma hiex negozzjant awtorizzat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi, bhala persuna li ma hiex negozzjant awtorizzat f'Malta, ghamel xi haga li tinvolvi, li ghandha x'taqsam ma' jew li hija preparatorja ghal xiri jew self ta' xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani minghand, jew biegh jew issellef xi deheb jew flus barranin u cioe dollari Amerikani lil xi persuna barra minn Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. bhala persuna li ma hiex negozzjant awtorizzat, li kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani, f'Malta, u bhala persuna residenti f'Malta li kellu l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani barra minn Malta, naqas li joffri dak id-deheb jew il-flus barranin cioe' dollari Amerikani, jew ra li jigu offerti, ghall-bejgh lin-negozzjant awtorizzat, kemm il-darba il-Ministru ma jaghtix il-kunsens sabiex izzommhom u juzhom jew jekk ma jiddisponix minnhom favur xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi ittenta importa f'Malta jew esporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus jew muniti li huma jew li kienu f'xi zmien valuta legali f'Malta u cioe' dollari Amerikani u dan bi ksur ta' l-Artikolu 11(1) tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi ittenta esporta barra minn Malta xi deheb jew flus barranin u cioe' dollari Amerikani u dan bi ksur tal-Artikolu 11(2) tal-Kap 233 tal-Ligifijiet ta' Malta;

f. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli fil-11 ta' Gunju 1997 gewwa il-Mitjar Internazzjonali ta' Malta meta huwa kien sejjer ihalli Malta fuq it-titjira KM1302 lejn

Amsterdam, xjentement naqas lij iddikjara lill-Awtoritajiet kompetenti, u wara tficcija li saret minn Ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija instab li kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu is-somom fi flus kontanti u cioe' 81,000 dollari Amerikani, 1010 Guilders Olandizi u 227 Liri Maltin, kif murija wkoll fid-dokument JE34/97 datat 11.6.1997, liema ammonti ta' flus jeccedu dak stipulat bil-ligi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(f)(g) u 62(1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Att tan-1972 dwar il-Kontroll tal-Kambju tal-Ligijiet ta' Malta;

g. talli uza, ittrasferixxa l-pussess ta', baghat jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, irceva, zamm, ittrasporta, ittrazmetta, oltera, iddispona minn jew b'xi mod iehor innegozja bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjeta (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta bil-hsieb li jahbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu gew miksuba jew ricevuti direttament jew indirettament bhala rizultat ta' l-ghemil ta' reat imsemmi fis-sub-artikolu (1) jew fil-paragrafu (a) tas-sub artikolu (1)(d) u 1(e) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 101 jew xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-gzejjer ikun jikkostitwixxi reat taht is-sub artikolu (1) jew il-paragrafu (a) tas-sub artikolu (1)(d) ta' l-istess Kapitolu;

Il-Qorti mitluba sabiex:

h. tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil jew li imissu lill-akkuzat jew huma proprjeta tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli;

i. sabiex barra li tinliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna l-konfiska tal-flus barranin esebiti u cioe' Dollari Amerikani, Guilders Olandizi u Liri Maltin u dan a tenur ta' l-Artikolu 42 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

j. sabiex wara li tinfiggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tikkundanna lil Paul Borg ghal hlas lil registratur ta' l-ispejjes kollha jew ta' parti mill-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti u dan a tenur ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (folio 4) li bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza 101 u dwar l-akkuzi li jolqtu dik l-Ordinanza li l-imputat jitressaq u jwiegeb ghall-dawk l-akkuzi quddiem il-Qorti Kriminali.

Rat il-kontr'ordni tal-imsemmi Avukat Generali (folio 362) fejn baghat l-imputat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompriz l-akkuzi taht l-Artikolu 4(1),4(2),5(1),11(2) tal-Kap 233 u l-Artikolu 60(f)(g) u 62(1) tal-Kap 37 billi kien tal-fehma li mill-atti tal-kumpilazzjoni, u mal-ordni fuq imsemmija fil-konfront tal-Ordinanza 101, setghet tirrizulta htija fl-imputat taht l-ligijiet imsemmija u tal-kumpetenza ta' din il-Qorti b'zieda ma' l-ordni fuq riferita.

Rat it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana sabiex issir din il-kawza ghal dak li jirrigwarda r-reat/i taht il-Kap 37 (folio 8);

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet;

Ikkonsidrat:

Li l-akkuza l-aktar serja li l-imputat qieghed jiffaccja hi indubjament dik taht l-Artikolu (IC)(a) ta' l-Artikolu 22(1) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101). Dan is-sub-artikolu jghid li:
"persuna tkun ukoll hatja ta' reat kontra din l-Ardinanza jekk tuza, titrasferixxi l-pussess ta', tibghat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post, takkwista, tircievi, izzomm, titrasporta, tittrasmetti, toltera, tiddisponi minn jew b'xi mod iehor tinnegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjeta (kemm jekk mobbli jew

immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjeta bil-hsieb li tahbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjeta jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus jew proprjeta kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu gew miksuba jew ricevuti, direttament jew indirettament, bhala rizultat ta' –

(i) l-ghemil ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1) jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (ID)....omissis, igifieri, fil-kaz odjern, jekk il-flus gew miksuba jew ricevuti direttament jew indirettament:

- minn ksur jew nuqqas ta' tharis ta' xi disposizzjoni ta' l-Ordinanza;
- minn ksur jew non-osservanza ta' xi kondizzjonijiet ta' licenzja jew permess jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza;
- minn dikjarazzjoni falza jew produzzjoni scenti jew uzu ta' l-istess;
- minn ghajnuna, thajjir, pariri jew tfittix biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew l-assocjazzjoni ma' terzi f'Malta sabiex isir tali reat jew l-ghemil ta' xi haga biex jigi facilitat att li, li kieku sar f'Malta, ikun reat kontra din l-Ordinanza;
- minn reat ta' bejgh jew traffikkar ta' medicina li cittadin jew persuna permanentement residenti f'Malta iwettaq barra minn Malta u li jekk tkun saret f'Malta tikkostitwixxi reat taht din l-Ordinanza;
- minn assocjazzjoni ma' terzi f'Malta jew barra minn Malta ta' bejgh jew traffikar f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza jew minn promozzjoni, organizzazzjoni jew finanzjament ta' l-assocjazzjoni;
- jew taht is-subartikolu (1D), minn bejgh jew traffikar f'sustanza imsemmija fit-Tielet Skeda meta ikun hemm it-tgharif jew suspett li s-sustanza tkun sejra tintuza fi jew ghall-produzzjoni ta' medicina kontra id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza.

Dan is-subartikolu, igifieri (1C) ta’ l-Artikolu 22 pero, ma jieqafx hawn billi fis-subincis (b) tieghu jinverti l-oneru tal-prova u jitfghu fuq l-imputat li jkun tenut jipprova hu l-provenjenza lecita tal-flus (fil-kaz in disamina). Il-qorti tifhem minn kif hu redatt dan is-subincis li l-prosekuzzjoni tibqa dejjem tenuta li tipprova l-fatt tal-flus u c-cirkostanzi kif l-istess ikunu instabu fil-pussess tal-imputat billi hu ovvju li kemm ic-cirkostanzi u wkoll l-entita tal-flus huma fatturi importanti gja la darba si tratta ta’ “money laundering” izda meta l-prosekuzzjoni tipprova dawn il-fatti u l-imputat ma jkun ta’ ebda spjega ragjonevoli ghall-pussess tieghu ta’ dawn il-flus u jibqa ma jaghtix spjega ragjonevoli tul il-proceduri allura jkun gie hati tar-reat previst fis-subartikolu (1C) fuq citat billi ma jkunx ta prova ta’ dak li jkun tenut ragjonevolment jipprova.

Issa fil-proceduri in desamina gara proprju hekk: li l-prosekuzzjoni mhux biss ippruvat altru li sodisfacjentement l-entita konsiderevoli ta’ flus li kien fil-pussess taghhom l-imputat u dana waqt li kien ser isiefer minn Malta (destinazzjoni Amsterdam l-Olanda li fil-kuntest ghandha wkoll l-inferenzi taghha) izda li ghazel li jinheba wara d-dritt tieghu, ancorche’ rikonuxxut, li jirrifjuta li jirrispondi ghad-domandi fuq daqshekk meta kien qieghed jigi interrogat u di piu’ baqa jippersisti milli jaghti spjegazzjoni ragjonevoli tal-origini lecita tal-flus anka f’dawn il-proceduri billi ghazel li ma jiehux il-pedana tax-xhieda u jixhed, ancorche’ dritt tieghu rikonoxxut ukoll.

Fil-kuntest tal-flus ftit hemm xi tghid billi jirrizulta mill-provi li l-imputat kien qieghed igorrhom fil-bagalja tieghu imgezzwra f’pakketti u mohbija qalb il-hwejjeg. Ix-xhieda fir-rigward hija skaccjanti anka fir-rigward d-denominazzjoni u l-ammont konsistenti f’81,000 Dollari Amerikani, 1010 Guilders Olandizi u 227 Liri Maltin.
Ikkonsidrat:

Illi in propositu ta’ dawn il-flus l-imputat qieghed ukoll rinfaccjat b’akkuzi li jolqtu l-ligi tal-Kambju (Kap 233) u l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37).

Illi fl-ambitu tar-reati taht il-Kap 233 l-imputat issottometta li l-provi li pproduciet il-prosekuzzjoni mhumiex esawritenti stante li, skond hu, il-prosekuzzjoni kellha mhux biss ittella' rappresentant tal-Bank Centrali imma anka rapprezentant tal-Ministru tal-Finanzi biex jipprova li l-imputat ma kellux il-premessi relattivi biex jesporta l-flus u dan fuq l-iskorta tas-subinciz 8, Artikolu 2, tal-Kap 233 li jipprotegi d-diskrizzjoni tal-Ministru fl-esercizzju tas-setghat moghtija lilu skond l-att. Dwar l-avviz publikat fil-Gazzetta tal-Gvern, meta l-Bank Centrali gie nominat bhala agent ai fini tal-Kap imsemmi, din il-qorti ftit ghandha xi tghid ghajr li l-avviz hu dokument ufficjali u prova probanti fih innifsu. Oltre ma tirriavisa ebda nuqqas tal-ahjar prova da parti tal-prosekuzzjoni tenut kont li fl-iter tal-process mhux inkonsistenti mal-principju tal-presunta innocenza tal-imputat u konsegwenti oneru tal-prova li, fil-waqt li jkun hemm fatt stabbilit mill-prosekuzzjoni, l-istess oneru tal-prova jinverti fuq l-imputat. Kwindi, anka minhabba l-presunzjoni stabbilita fis-subinciz 5 tal-Artikolu 5 tal-Kap 233, jirrizultaw sodisfacjentement ppruvati r-reati taht da il-Kap u migjuba kontra l-imputat, ossia taht l-Artikolu 4(1)(2), 5(1) u partikolarment l-Artikolu 11(1)(2) tal-Kap 233.

Ikkonsidrat:

Li in kwantu ghall-akkuza taht il-Kap 37, cioe' li l-imputat naqas li jiddikjara lill-ufficjali doganali l-flus fuq riferiti kemm ta' valuta maltija u kemm ta' valuta barranija, m'ghandhix ragun il-prosekuzzjoni meta tafferma li l-flus huma komprizi fid-definizzjoni ta' oggetti ghall-iskop ta' dik l-Ordinanza. Flus mhumiex oggett jew oggetti ta' merkanzija u mhumiex assoggettati ghal dik l-Ordinanza izda regolati taht il-ligi tal-Kambju (Kap 233) li tasporta ghall-finijiet ta' importazzjoni u/jew esportazzjoni taghhom, bla hsara ta' kull adattamenti u modifiki li jistghu jigu preskritti, il-ligijiet tad-dwana inkluzi l-Kap 37 u l-Kap 254. L-Artikolu 16 tal-Kap 233, kuntrarjament kif sostniet il-prosekuzzjoni, mhuwiex adattabbli u/jew applikabbli ghall-Kap 37, izda l-oppost.

Illi ghall-kompletezza ghandha ssir referenza ghall-fatt sostnut mill-imputat fin-nota ta' osservazzjojnijiet tieghu li hu mhux akkuzat taht il-Kap. 101. L-argument hu li ebda reat taht din l-Ordinanza ma gie inkluz fl-artikoli tal-Avukat Generali a folio 363. Il-qorti assolutament ma taqbilx stante li procedimenti taht l-Ordinanza in disamina jittiehdu biss u esklusivament fuq ordni tal-Avukat Generali u dan hu proprju dak li jirrizulta fil-proceduri odjerni fejn l-imputat gie akkuzat, fost akkuzi ohra, ta' reat taht din l-Ordinanza u emana l-ordni tieghu li din l-akkuza tinstemgha minn din il-qorti. Ghalhekk il-vot tal-ligi relattivament din l-akkuza gie sodisfatt.

Ghalhekk qeghdha taqta u tiddecidi billi issib l-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief u minbarra l-akkuza taht il-Kap 37 cioe l-Ordinanza tad-Dwana. Rat l-Artikolu 22 tal-Kap 101 u l-Artikolu 3, 4, 5, 11 u 41 tal-Kap 233 u tikkundannah kumplessivament tlett snin prigunerija u multa ta' Lm31,522. Tordna ukoll il-konfiska tal-flus elevat. (Art 42 tal-Kap 233).

--------------------------------TMIEM--------------------------------